# Artal Maġġur: 250 Sena

kitba ta' Rosario Mizzi B.Sc. (Hons.) Comm. Theor.



## L-Artal Maġġur jagħlaq 250 sena

Ta' kull sena, fl-okkażjoni tal-festa tal-padrun tagħna San Ġużepp, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq tippublika tant tajjeb u b'mod professjonali dan il-ktieb. Min isegwi dan il-ktieb, issa drani li jien inħobb indaħħal ftit il-letturi fil-knisja Parrokjali tagħna u flimkien nagħtu titwila żgħira lejn xi opra artistika partikolari. Wara li s-sena l-oħra fakkarna l-250 anniversarju mit-twaqqif tal-knisja parrokkjali, din is-sena qegħdin infakkru il-250 sena mit-twaqqif ta' l-artal maġġur, hekk kif għadna ngawduh illum. Fil-fatt, missirijietna, hekk kif lestew il-knisja mill-ġebla, ħasbu mill-ewwel biex iħejju post xieraq għas-Sid tal-ħolqien kollu, li fuq kollox, għaliH kien inbena dan it-tempju. Imma qabel nidħlu fl-istorja tajjeb nifhmu xi jfisser l-artal.

## Għalfejn għandna Artal?

L-idea ta' l-artal ma bdietx mar-reliġjon nisranija, imma hija antika daqs il-bniedem. Hekk kif il-bniedem beda jifhem l-ispiritwalità u beda jħares lejn entità jew entitajiet akbar minnu, mill-ewwel beda jaħseb kif joħloq xi forma ta' kuntatt magħhom. Hekk mill-ewwel inħoloq l-artal, li għal bidu kellu biss forma ta' ġebla kbira li fuqha kien jinħaraq is-sagrifiċċju. Hekk kif ir-reliġjonijiet bdew jiffurmaw ruħhom, kibret magħhom l-idea ta' l-artal li ħa forma ta' mejda tal-ġebel li fuqha kien jiġi offrut is-sagrifiċċju. Fil-bidu l-artal kien jiġi mwaqqaf f'postijiet differenti, imma wara beda jieħu post fiss. L-art ta' taħtu bdiet tieħu xejra qaddisa u b'hekk bdew telgħin it-tempji madwar l-artali. F'Malta l-kultura tat-tempju tmur lura eluf ta' snin tant li bil-Ġgantija għandna l-eqdem struttura wieqfa fid-dinja. Maż-żmien, f'kulturi differenti, bdew jinbnew tempji dejjem akbar u isbaħ iddedikati lil xi alla jew allat skond it-twemmin tal-popli. F'kull tempju, indipendenti mit-twemmin, l-artal dejjem kellu l-aktar post prominenti u dejjem kien ikkunsidrat qaddis; tant qaddis li nukleju żgħir ta' nies biss setgħu jersqu lejh jew imissuh. B'hekk inħolqot il-kultura tal-qassisin jew nies tat-tempju.

Kristu ġie fi żmien meta t-tempju kien iċ-ċentru tal-kultura ta' żmienu. Hu stess kien iħares lejn it-tempju bħala d-Dar ta'Alla fid-dinja. Mhux biss kien iqim fit-tempju, imma kien jgħallem fih u anke wasal biex iddefendih bl-aħrax meta ra li nies ta' żmienu kienu tilfu jew insew li t-tempju hu d-Dar tal-Missier. Wara l-qawmien mill-mewt ta' Kristu, l-ewwel insara komplew jużaw l-artal, imma tawh xejra u tifsira differenti. L-artal sar tifkira tal-mejda ta' l-aħħar ċena, fejn Kristu waqqaf ir-rit tas-sagrifiċċju għat-Testment il-Ġdid. Għalhekk l-artal sar il-mejda ta' l-ikel tad-dar fejn il-komunità nisranija kienet tiltaqa'. Fi żmien il-persekuzzjonijiet Rumani, l-artal sar il-mejda tal-Katekombi fejn fir-rit tad-difna kienet teżisti l-kultura li jagħmlu ikla; għalhekk nerġgħu insibu r-rabta ma' l-Ikla.

Wara l-konverżjoni ta' Kostantinu, ir-reliġjon nisranija setgħet toħroġ fil-beraħ u b'hekk bdew telgħin l-ewwel tempji insara f'Ruma u fl-Art Imqaddsa. F'dawn it-tempji Nsara, li kienu ispirati mit-tempji pagani Rumani, bid-differenza li fiċ-ċentru dejjem kellhom l-artal mejda li fuqu kienet issir it-tifkira ta' l-Aħħar Ikla tal-Mulej. Mal-mixja taż-żminijiet, stili differenti ta' arkittettura bdew jintużaw biex jinbnew tempji akbar u isbaħ. Fi żmien rinaxximentali, l-artal ma baqax forma ta' mejda biss. Fuq wara tal-mejda żdiedu bħal xkafef fejn jitpoġġew ix-xemgħat u tiżjin ieħor. Minn dan iż-żmien l-artal ma baqax waħdu fin-nofs, imma fil-knejjes beda jidher l-artal maġġur fiċ-ċentru tal-



L-artal maġġur fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq.



Dettall ta' waħda mill-armi fil-ġnub ta' l-artal maġġur.



Dettal ta' l-arzella li żżomm l-ixkaffa tal-prima fil-ġenb ta' l-artal.

knisja u artali oħrajn laterali iddedikati lil qaddisin differenti. F'dan iż-żmien, l-arti kienet qed tieħu xejra importanti f'moħħ il-bniedem, u għalhekk il-bniedem beda juża' l-arti biex anke jżejjen dejjem isbaħ id-Dar ta' Alla. Għalhekk l-artali ma baqgħux jiġu mżejna biss bi skultura fil-ġebel, imma bdew jinksew b'irħam u ħaġar ieħor prezzjuż. Il-qofol ta' dan intlaħaq bl-epoka tal-Barokk, iż-żmien u l-istil li bih il-knisja tagħna nbniet u ġiet imżejna. Kollox reġa' beda jinbidel wara l-Konċilju Vatikan II fejn l-artal maġġur reġa' ħa l-forma ta' mejda sempliċi li fuqha saret l-aħħar ċena. B'hekk, xi knejjes barokki żammew l-artal, imma quddiemu żiedu l-artal mejda. Reċentement rajna wkoll knejjes antiki jneħħu l-artal maġġur kompletament u ħallew biss l-artal mejda. Il-knejjes moderni qed jieħdu din il-forma mill-ewwel; fejn it-tabernaklu jkun espost għalih u l-artal maġġur iżomm il-forma ta' mejda fiċ-ċentru tal-knisja.

## L-Artal fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq

Kif ġa semmejna, hekk kif l-Għaxqin lestew il-knisja mill-ġebel, mill-ewwel ħasbu fl-artal maġġur. Fuq lapida żgħira li hemm fuq wara ta' l-istess artal, insibu li l-artal inkesa bl-irħam u tħallas mill-Kleriku Karlu Mamo u li l-artal ġie inawgurat fl-14 ta'Awissu 1757, eżatt 250 sena ilu. F'kitba oħra li nstabet fir-Reġistru tal-magħmudija tal-parroċċa nsibu li l-artal kellu lesti t-tabernaklu u t-tarġiet ta' l-irħam. L-art ta' irħam tal-presbiterju (il-madwar ta' l-artal maġġur) saret ħafna wara fis-snin 1916-1918. Insibu wkoll li Karlo Mamo ħallas għall-bieba u ċ-ċavetta tat-tabernaklu li kienu tal-fidda. Dan kollu ġie jiswa 750 skud, imma ma kienx jinkludi l-armi li hemm fil-ġnub. Dawn iż-żewġ armi ġew miżjuda ftit wara. Waħda minnhom hi ta' l-Isqof Mons. Paolo Alpheran De Bussan li kien Isqof ta' Malta sa April 1757.

Fl-1757, l-artal kien għadu mingħajr il-ġilandra (il-parti ta' fuq ta' l-artal fejn jiġi espost is-sagrament) ta' l-irħam. Din żdiedet fl-1776 u saret b'wegħda minn Ġużeppi Mallia. Il-ġilandra ta' l-irħam fissa mhix xi ħaġa komuni. Fil-gżejjer Maltin insibu tlieta biss, dik ta' Ħal Għaxaq, f'Ħaż-Żebbuġ u Ħal Tarxien. Fi knejjes oħrajn barokki, il-ġilandra hija ta' l-injam indurat jew tal-fidda u tintrama biss meta jkun hemm espożizzjoni fit-tul tas-sagrament bħal fil-festa ta' Corpus u fil-kwaranturi. Fil-każ ta' Ħal Għaxaq, f'dawn il-festi, tintrama biss raġġiera ta' l-injam indurat bid-deheb fuq wara tal-ġilandra ta' l-irħam.

## Deskrizzjoni ta' l-Artal

L-aħjar żmien fejn wieħed jista' japprezza x-xogħol fin ta' l-artal maġġur huwa f'Ħamis Ix-Xirka fil-għaxija u fil-Ġimgħa l-Kbira, meta l-artal ikun imneżża kompletament minn kull tip ta' tiżjin u armar. L-artal huwa mżejjen b'irħam fin u rikk. L-irħam huwa mpoġġi b'sengħa kbira biex jinħolqu disinji bl-istess vini ta' l-irħam. Barra minn hekk hemm attenzjoni kbira fl-għażla tal-kuluri ta' l-irħam li toħloq armonija sħiħa fl-opra kollha. Fuq kollox l-artal huwa mimli skultura fina ħafna fl-irħam. Fil-ġnub insibu l-armi li semmejna u aktar 'il fuq insibu arzella li żżomm l-ixkaffa tal-prima. Fuq quddiem insibu diversi weraq u girlandi fil-panewijiet. Dawn jispikkaw bl-irħam abjad tagħhom mal-bqija tal-kuluri ta' l-irħam. Bħala skultura fl-irħam ma nistgħux ma nsemmux l-erba' kerubini li jinsabu f'kull kantuniera tal-ġilandra; eżempju mill-isbaħ ta' skultura fina fl-irħam. Fl-aħħar u mhux l-inqas, wieħed japprezza x-xogħol ta' skultura fl-arma li tidher fuq quddiem tal-mejda ta' l-artal. Din hija sopprainpożizzjoni ta' żewġ armi; dik tal-Madonna, li għaliha t-tempju tagħna huwa ddedikat , u tas-sagrament. Fl-arma naraw l-ittri 'A' u 'M' fuq xulxin li huma s-simboli tal-Madonna. Naraw ukoll l-ittri 'IHS' li huma s-simboli tas-sagrament. Barra minn hekk insibu tlett imsiemer u salib li jorbtu



Dettal ta' l-arma fuq quddiem tal-mejda.



L-iskultura fl-irħam ta' wieħed mill-panewijiet.

s-sinifikat ta' l-artal mas-sagrifiċċju li Ġesù għamel għalina fuq is-Salib. L-arma hija mdawra bi tnax-il kewkba li huma s-simbolu assoċjat mal-Assunzjoni ta' Ommna Marija. Taħt l-arma naraw żewġ palmiet li jfissru l-martirju u r-rebħa . L-arma kollha hija mdawra bi skultura ta' weraq u disinji skolpiti f'irħam abjad u isfar u nkurunata b'kuruna skolpita f' irħam isfar. Sfortunatament din l-arma ma tkunx tista titgawda fi ġranet ta' festa peress li titgħatta bil-ventartal.



Wieħed mill-puttini ta' madwar il-ġilandra li saret fl-1776.

## Konklużjoni

Bla dubju ta' xejn u bla tlaqlieq nistgħu ngħidu li din l-opra hija waħda mil-isbaħ f'pajjiżna. Ftit tara xogħol daqshekk sabiħ u dettaljat fl-artali tagħna. Għall-grazzja ta' Alla dan l-artal baqa' ppriservat kif ħallewhulna missirijietna. Maż-żmien kompla jissebbaħ billi 1918 tlestiet l-art ta' l-irħam tal-presbiterju. Ftit wara, fl-1948 sar il-kanċell ta' l-irħam, opra oħra li fiha x'tammira u li ukoll hi rari f'pajjiżna. Fi żmien Fr. Alex Cordina inbidlet il-parti ta' ġewwa tat-tabernaklu. Din inksiet bil-fidda u d-deheb u saret bieba ġdida tal-fidda u d-deheb. Din is-sena sar intervent ieħor madwar l-artal. Saret sistema ġdida ta' elettriku u amplifikazzjoni li tgħaddiet minn taħt l-irħam tal-paviment. Dan kien proċess delikat u li sar b'sengħa kbira. Fl-istess intervent ġie restawrat il-paviment tal-presbiterju, tal-kor u tas-sagristija l-ġdida.

Hija xi ħaġa tajba u sabiħa li tapprezza l-arti u s-sagrifiċċji li jkunu għamlu n-nies ta' qablek biex tkun tista' tgawdih int ukoll. Imma sabiħ kemm hu sabiħ l-artal, ma nistgħux ninsew li dak li hemm ippriservat ġo fih huwa ħafna isbaħ u akbar. Dan kollu kien sar biex jippriservaw teżor kbir; Alla magħna f'kull ħin tal-ġurnata. Mela tajjeb li ma nieqfux biss inħarsu u napprezzaw is-sbuħija ta' l-irħam kiesaħ, imma nagħmlu pass ieħor, ninżlu arkupptejna, ninvistaw is-sagrament u nħossu s-sħana ta' l-imħabba tiegħu tmissilna qalbna.

**Riferenzi**

H.C. Roger Vella, *Ħal Għaxaq u Niesu*, Malta, Kunsill Lokali Għaxaq, 2006
E.H. Gombrich, *The Story of Art*, London, Phaidon, 1993

KAN
AUTO REPAIR & VALETING
New Street, off Tal-Barrani Road, Żejtun
Tel: 2166 4432 Mob: 9944 0599 e-mail: kan@onvol.net